# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAHRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN GORG • GHAWDEX

*Settembru - Ottubru 1992* *Nru. 68*


*Il-Kelma ta' l-Arcipriet*

# "INTOM LESTI? ..... IVA ĦLISNIHA !"

Hekk xi kultant nisimgħu! *ĦLISNIHA!*....Qisha kienet ilha fuq l-istonku. Qisu kellna seba' mitt sena sakemm tgħaddi. M'aħniex nitkellmu dwar xi disgrazzja, tafux. L-anqas dwar xi operazzjoni serja f'xi sptar, jew inkella xi sentenza ta' ħabs.



Dawn il-kelmiet t'hawn fuq nisimgħuhom ta' spiss, b'mod speċjali nhar ta' Ħadd, meta nies li jkunu sejrin lejn il-Knisja sabiex jisimgħu l-Quddiesa jiltaqgħu ma' nies oħrajn li jkunu ħerġin mill-Knisja wara li jkunu semgħu l-quddiesa ta' l-Obbligu.

*ĦLISNIHA!* Ngħiduha kif inhi, jiddependi ħafna kif inkunu *"ħlisniha"*........Hawn min jeħlisha billi jfittex qassis li "jeħlisha" f'nofs siegħa. Hawn min *"jeħlisha"* billi joqgħod fil-bieb, iħares 'il barra biex ma jiddejjaqx......... Kos, taf x'qed ingħid: qatt ma ngħidu:"Ħalli mmur neħles film", jew inkella: "Ħalli mmur neħles il-gazzetta".

Allura għaliex din il-kelma nużawha għall-Quddiesa? Possibbli hija ħaġa daqshekk ta' dwejjaq! Għaliex tiddejjaq?

Nista' NIDDEJJAQ għax MA NKUNX NAF X'QED JIĠRI. Meta ma nifhimx dak li hu għaddej, jekk

*ikompli f'paġna 3*

## APPELL LIL KULL FAMILJA

AGĦTI DONAZZJONI GĦAR-RIVISTA TAGĦNA U GĦADDIHA LIL MIN IQASSAM IL-BULETTIN TAL-ĦADD JEW FL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI. *Grazzi*

IL-BELT
VICTORIA
RIVISTA TA' KULL XAHREJN
*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita', Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

27.06.92: RUBEN, iben Emanuel Bugeja u Antonia nee' Grech
11.07.92: MALCOLM-GEORGE, iben George Camilleri u Elizabeth nee' Frendo
26.07.92: ANDREA, iben Martin Vella u Grace nee' Gafa'
04.08.92: JULIA ANNE, bint George Camilleri u Helen nee' Cassar
08.09.92: LEAHIARES, bint Carmel Gallo u Marthese nee' Vella

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

11.07.92: Dr. Paul Pisani u Simone Camilleri
18.07.92: Ivan Callus (Gwardamangia) u Anna Marie Farrugia
26.07.92: Jose' Rodrigo Silva (USA) u Marthese Bajada
16.08.92: John Michael Grima (Nadur) u Josephine Cordina
22.08.92: Joseph Tabone (Xewkija) u Doreen Rapa
05.09.92: Michael Bajada (Kercem) u Maria Saliba
19.09.92: Konrad Scicluna u Nathalie Borg

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

21.06.92: Luigia Mifsud
27.06.92: Anthony Cini
27.06.92: Salvu Attard
01.08.92: Wiġi Camilleri
10.08.92: John Mercieca
14.08.92: Anton Attard
15.08.92: Georgia Bezzina
29.08.92: Doris Micallef
05.09.92: Maria Grima
13.09.92: Carmela Galea
13.09.92: Maria Antonia Grech



Bi tħejjija għall-festa ta' San Ġorġ, il-Kapitlu u l-Presbyterium Parrokkjali żamm laqgħa ta' spiritwalita' fid-Dar ta' San Ġużepp, Għajnsielem. Għal din il-laqgħa ħa sehem l-E.T. Mons.Isqof. Kelliemi ieħor prinċipali kien Mons. Clo. Mercieca, Arċipriet tax-Xewkija. Ir-Ritratt juri lis-saċerdoti tagħna jiddiskutu ma Mons. Isqof.

# EDITORJAL

## L-APPELL TAGĦNA LLUM

Bħalma soltu nagħmlu mal-ħarġa tar-rivista tagħna ta' kull Settembru-Ottubru din id-darba wkoll qed intennu l-appell tagħna għall-għajnuna minn kull familja fil-Komunita' Parrokkjali tagħna.

Ir-rivista tagħna ta' kull xahrejn issa ilha tiġi pubblikata minn Lulju ta' l-1981. Mill-ewwel ħarġa dejjem għamilna ħilitna biex ir-rivista tkun informattiva u formattiva. Tajna f'kull ħarġa ħarsa lejn dak li jkun twettaq jew li jkun ser isir fil-parroċċa tagħna u iktar minn hekk ippubblikajna artikli ta' tagħlim reliġjuż u soċjali tant li kull min jirċiviha dejjem kellu kliem ta' tifħir għal-livell għoli ta' din il-publikazzjoni. Dan kollu ma sarx waħdu. Dan kollu sar b'sagrifiċċju ta' bosta li jieħdu ħsieb din ir-rivista u bil-għajnuna kontinwa mill-parroċċa li tħallas l-ispejjez kollha konnessi mal-pubblikazzjoni tagħha.

Aħna din ir-rivista nqassmuha b'xejn fil-familji kollha tal-Komunita' Parrokkjali. Nieħdu ħsieb li nibgħatuha bl-ajru lill-emigranti tagħna fl-Awstralja, il-Kanada, l-Ingilterra u fl-Istati Uniti. Nibgħatu wkoll lil diversi għaqdiet u individwi li jitolbuhilna. Dan kollu mingħajr ma nitolbu l-ebda abbonament.

Iżda żgur li kif jgħid il-Malti "Kull qalb trid oħra". Il-parroċċa qed toffri dan is-servizz utli biex iżżomm kuntatt u toffri tagħlim. Mill-banda l-oħra nistennew l-għajnuna ġeneruża li dejjem tajtuna f'din l-inizjattiva. Għalhekk għal darb oħra qed nitolbu offerta lil kull familja fil-parroċċa b'risq ir-rivista tagħna. Aħna li nieħdu ħsieb nippubblikawha nistennew l-għajnuna tagħkom u persważi li din l-għajnuna tasal, bħalma waslet ma kull ħarġa ta' Settembru-Ottubru, tasal ukoll din is-sena.

Għalhekk nitolbu lill-qlub ġenerużi biex jgħaddu l-offerta tagħhom lil dawk li jqassmu r-rivista u l-Bulettin tal-Ħadd, jew inkella jwasslu l-offerta tagħhom fl-envelope u jgħadduh fl-Uffiċċju Parrokkjali.

## INTOM LESTI?...IVA HLISNIHA!

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

ma nafx x'jiġri fil-Quddiesa, allura bilfors li niddejjaq. Iżda t-tort huwa tiegħi. Hawn tant tagħlim, kotba, eċċ dwar il-Quddiesa. Qatt ma nsib ħin biex insir naf dwarha? Mela anqas ħin għaliha ma nsib. Nibda ma jimpurtanix li mmur tard jew li nitlaq fit-Tqarbin.

Nista NIDDEJJAQ għax JIENA BIERED. Meta jiena ma għandi l-ebda ħeġġa. Jekk jiena ma niddedikax ftit ħin għat-talb, jekk l-unika darba li mmur il-knisja hu nhar ta' Ħadd u għal xi funeral, jekk ili ĦAFNA ma nqerr, allura bilfors niddejjaq fil-Quddiesa. Inkun nixtieq "neħlisha" malajr. Il-Priedka talqassis naraha twila u ddejjaqni. Ta' min jgħid li l-Quddiesa hija ferm iktar minn priedka.

U kieku kelli noqgħod attent jew kieku nieħu l-Messalin miegħi u naqra l-Qari tal-Quddiesa forsi ma nibqax nara l-priedka daqshekk "bla sens". Fl-aħħar mill-aħħar il-Quddiesa mhix tas-Saċerdot biss!..... Imma jekk jiena biered, l-anqas dan il-ftit ma nipprova nagħmel.

Jekk il-Quddiesa ddejjaqni, irrid niftakar li t-tort mhux tal-Quddiesa. Nista niddejjaq ukoll jekk qed NGĦIX ĦAJJA LI MA TAQBEL XEJN MA' DAK LI JIGRI FIL-QUDDIESA. Jekk jiena mhux qed ngħix kif iridni Alla, il-Quddiesa żgur iddejjaqni, inħossni li qed ngħix gidba. L-Omelija tniggiżni. It-Tqarbin ilni li ħallejtu. Inqerr, ma jaqbillix. Il-Quddiesa nkun nixtieq neħles minnha.

Din hi l-isfortuna, għax l-Omelija li tniggiżni u l-Quddiesa li ddejjaqni jistgħu jkunu mbuttatura żgħira biex niċċaqlaq mill-qagħda tiegħi. Jekk nagħmel hekk il-Quddiesa ma nkunx *"ħlistha"* iżda *"ħlejtha"*...........

Dnub jaħasra li l-iktar ħaġa importanti li tiġri kuljum...... jiġifieri l-QUDDIESA, jiena nipprova *"neħlisha"* DARBA FIL-ĠIMGĦA.

# IL-PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES



Għat-tielet sena konsekuttiva l-Parroċċa tagħna organiżżat pellegrinaġġ ieħor għal Lourdes - il-belt tal-Madonna. Din is-sena kellna numru rekord ta' pellegrini u l-grupp kollu kien ta' 55 persuna. Kull min ingħaqad magħna f'dan il-pellegrinaġġ kellu kliem ta' tifħir għall-organiżżazjoni tiegħu. Kull min ġie barra li ħa sehem fl-attivitajiet kollha li jsiru hemm sab ħin ukoll għal talb privat u attivitajiet oħra. Naturalment mument mill-aqwa f'dan il-pellegrinaġġ kien meta Mons Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni bil-Malti fil-Grotta fejn dehret il-Madonna u għamel ukoll l-Omelija ta' l-okkażżjoni.

## PREŻENTAZZJONI TA' STENDARD LILL-BANDA 'LA STELLA'

Fl-okkażżjoni tal-festi ta' San Ġorg il-Banda La Stella ġiet irregalata stendard ta l-Istat ta' Texas fl-Istati Uniti, mis-Sur Joe Galea, emigrant Għawdxi u partitarju kbir tal-banda.

Is-Sur Galea, li matul is-sajf kien jinsab fostna, irregala dan l-istendard lis-Sur Paul M. Cassar, Segretarju Ġenerali tal-Banda La Stella, waqt ċerimonja qasira li nżammet qabel il-ftuħ tal-marċ singolari li l-Banda La Stella għamlet mas-Soċjeta' Filarmonika King's Own lejlet il-Festa ta' San Ġorġ. L-istendard ġie mbierek min Mons. Salvu Borg, l-Arċipriet tal-Bażilika.



# STORJA OHRA TA` SUCCESS GHALL-BANDA 'LA STELLA'

*Għas-Soċjeta' Filarmonika "LA STELLA",ADENAU, isem il-belt Ġermaniża li ssaħħar lil kulħadd għal warajha bil-ġmiel naturali tagħha, għandu tifsira speċjali xejn inqas minn bliet oħra kbar fl-Ewropa li magħhom din l-għaqda mużikali għandha rabtiet mill-qrib, fosthom Firenze, Venezia, Ruma, Como, Lugano, Palermo u Catania. Din minħabba l-parteċipazzjoni straordinarja tal-Banda "LA STELLA" f'waħda mill-isbaħ ġrajjiet glorjużi li għaddiet minnhom din il-belt dan l-aħħar.*




ADENAU attwalment qed tfakkar egħluq l-elf sena mit-twaqqif tagħha. Għall-okkażżjoni ġew imħejjija ċelebrazzjonijiet kbar li l-aħqu l-qofol tagħhom f'Awissu li għadda, u li għalihom ġew mistiedna jieħdu sehem għadd ta' pajjiżi barranin, fosthom il-gżejjer Maltin, permezz tal-Banda "LA STELLA".

Kontinġent ta' 83 ruħ ħalla Malta nhar il-Ħamis 27 ta' Awissu fuq titjira speċjali tal-Linja ta' l-Ajru Lufthansa (Airbus A310) biex jagħti bidu għal żjra momorabbli ta' sitt ijiem fil-Ġermanja. Il-kontinġent kien kompost prinċipalment minn Bandisti, u l-bqija uffiċċjali fid-direzzjoni tas-Soċjeta'

Mall-wasla tagħha f'Adenau, il-Banda ġiet milqugħa mil-Lord Mayor tal-belt, Bernd Schiffarth, li mill-bidunett wera s-sens kbir ta' ospitalita' , ħlewwa u akkoljenza li n-nies tal-lokal huma tant rinomati għalihom.

L-ewwel impenn tal-banda f'Adenau kien Programm Mużikali li nżamm fil-beraħ -Martplatz - nhar is-Sibt 29 ta' Awissu. Taħt id-direzzjoni għaqlija tas-Surmast Direttur tal-Banda, Joseph Vella, il-banda daqqet kompożizzjonijiet klassiċi li ġew apprezzati ferm minn dawk kollha preżenti.Dawn kienu jinkludu l-Overture "Bohemian Girl" ta' Balfe, il-Marcia Sinfonika "Sempre Forte" ta' D'Agostino, il-"Barcarola" minn Silvano ta' Mascagni, il-Grand March "Tannhauser" ta' Wagner, u l-kompożizzjoni Maltija: Suite: "Two mood Pieces" ta' l-istess Surmast Direttur Joseph Vella.

Lejn tmiem il-programm il-Lord Mayor Bernd Schiffarth, ippreżenta Stendard tal-Belt ta' Adenau lis-Sur Paul M. Cassar, Segretarju Ġenerali tas-Soċjeta', kif ukoll medalja kommemorattiva tal-festi kemm lis-Sur Cassar kif ukoll lil Mro. Vella. Min-naħa tiegħu s-sur Cassar ippreżenta lil Mr. Schiffarth dgħajsa tal-fidda bħala tifkira dejjiema tas-sehem tal-Banda "LA STELLA" f'dawn il-festi, kif ukoll stendard bis-salib aħmar ta' San Ġorġ fuq sfond adjad.

Il-Ħadd 30 ta' Awissu l-Banda attendiet għall-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Parroċċa ta' San Ġwann Battista fl-10.00am. Wara nofs in-nhar ġiet organiżżata Sfilata Storika mat-toroq ewlenin tal-Belt bis-sehem ta' l-għaqdiet u s-soċjetajiet kollha kostitwiti fil-Belt, warajhom il-gruppi, baned u emsembles mistiedna għal dawn il-festi - fosthom l-Olanda, il-Belġju, Skozja, Franza, Ġermanja u Malta - u fl-aħħarnett "floats" kbar li kienu jirrappreżentaw il-ġrajjiet ewlenin li għaddiet minnhom il-belt ta' Adenau tul 1000 sena ta' storja.

Il-Banda "LA STELLA" ipparteċipat fl-isfilata bid-daqq tal-marċi brijużi Maltin li tant komplew ħolqu arja ta' festa u briju fost l-eluf ta' nies preżenti. Fost il-Baned kollha li ħadu sehem ċertament li l-Banda "LA STELLA" kienet l-aktar waħda li ġiet milqugħa tajjeb; dan jixhduh l-applawsi kontinwi, l-għajjat ta' "Malta, Malta" u t-tfiegħ ta' fjuri fuq il-banda tul ir-rotta kollha li minnha għaddiet l-Isfilata.

Preżenti għal din il-manifestazzjoni kien hemm l-ogħla awtoritajiet tal-Belt. Il-Banda "LA STELLA" ġiet onorata bil-preżenza distinta ta' l-Ambaxxatur Malti għal Ġermanja , l-E.T. Richard Lapira, li kien akkumpanjat mis-Sinjura tiegħu. *ikompli f'paġna 6*



Il-Banda Cittadina La Stella tidher dieħla fil-pjazza prinċipali ta' Adenau waqt l-Isfilata Storika li saret il-Ħadd, 30 t'Awissu.



# IL-FUTUR TA' ULIEDNA

## ħsebijiet sempliċi għal futur aħjar

***Dan huwa ħsieb ieħor minn sensiela ta' għaxra li l-Kard. Carlo Maria Martini kiteb għall-Arċidjoċesi tiegħu ta' Milan. Huwa ried iwassal lill-familji kollha ta' din il-belt kbira, b'mod speċjali lill-ġenituri, il-ħtieġa li huma għandhom li jsegwu aħjar lil uliedhom u jgħinuhom jagħtu tweġiba għal kull sejħa li Alla jagħmlilhom.***

## 6 Ħsieb:

# LIEMA LIBSA LLUM ???

Hemm tfajliet li jqattgħu ferm iktar ħin itellgħu u jniżżlu x'libsa ser jilbsu, milli biex jgħidu t-Talb ta' filgħodu.

Il-gwardarobbi mimlija sa' ruħ ommhom bl-ilbies jagħmlu l-għażla iktar diffiċli u mbarazzanti. Imbagħad trid toqgħod tfittex li tlaqqa' sewwa il-kulur taż-żarbun, ix-*shade tal-make-up* u l-lewn tal-*handbag* . Trid ukoll toqgħod attenta li tvarja l-ilbies li ma jmorrux sħabha t-tfajliet l-oħra jaħsbu li għandha libsa waħda biss u dejjem bl-istess *top*.

F'dawk l-istess mumenti jiftħu għajnejhom għal ġurnata ġdida, kullimkien, fl-ibliet u fid-dinja kollha, miljuni ta'persuni li llum ser jilbsu l-istess libsa ta' dejjem. Oħrajn, x'aktarx raqdu b'dik l-istess libsa ta' fuqhom, u dik it-tfajla liebsa bħala mudella x'aktarx tfittex li tevita li tersaq lejn dawn il-persuni, forsi b'certa diffidenza, forsi wkoll bħala turija ta' għażla tajba.

### Differenza bejnietna

Jiena nistaqsi jekk din id-differenza skandaluża għadx tasal f'ċertu punt, li ssir mistoqsija li għandha tinkwieta lill-kuxjenza ta' min qed jgħix jgħum fil-ġid. Infatti mhix ħaġa sewwa li s-sempliċi fatt li tkun ġejja minn familja tat-tajjeb mill-Lombardija għandu jagħtiha xi dritt indiskutibbli li jkollha kollox u li tberbaq ġidha u dak li Alla jkun ħalaq għal kulħadd? Kif qatt nistgħu naslu nittolleraw li anke l-insara jinħlew jiċċelebraw il-festi tagħhom skond ir-riti imposti fuqhom mill-konsumiżmu, flok li juru l-ferħ tagħhom permezz ta' solidarjeta' ġeneruża?

Jiena kulma jmur qed nittendi li f'dan il-kuntest mhux possibbli li wieħed jaffronta suġġetti komplessi ħafna. Iżda lil dawk it-tfajliet li jħossuhom mifxula ħafna għaliex għandhom il-gwardarobba mimlija ħafna, kif ukoll lil dawk li qed jgħixu f'kundizzjonijiet simili, nixtieq nagħmlilhom stedina sabiex jiftħu għajnejhom ħalli jħallu qalbhom tħoss quddiem il-faqar ta' tant aħwa tagħhom.

Forsi xi ħadd igħid: **x'tista' tagħmel tfajla ta' ħmistax-il sena quddiem problema ta' dimensjoni planetarja?** It-tweġiba hija sempliċi u fl-istess ħin diffiċli. Ekku x'tista' tagħmel: **tbiddel il-ħajja.**

### Kif iseħħ dan

Hija ħaġa possibbli titgħallem mod differenti kif għandha tħares lejn l-oħrajn, lejn il-faqar, qabel kollox.Ħarsa li kapaċi ġġarraf kull distanza li mhix naturali u li telimina kull estraneita'.

Ma għandhomx ikunu boloh u l-anqas għandhom iħallu lilhom infushom jiġu mkaxkra minn entużjażmu mhux f'waqtu. madankollu rrid ngħid li l-indifferenza mhix xi virtu' nisranija. Għalhekk meta xi ħarsa tintafa' lejn id-dawl tal-fraternita', dejjem tkun tista' ssib ġesti proporżjonati biex tesprimi solidarjeta'.

Esperjenzi sempliċi ta' qadi li jimlew xi jiem tal-vaganzi jimbidlu fl-akbar rigal li jkunu rċevew, għaliex jissuġġerixxu stil ta' ħajja ħielsa mill-idolatrija tal-ġid u tar-rikkezzi.

Iżda nistgħu mmorru iktar 'il quddiem. Il-ħajja ta' ħafna qaddisin, minn San Franġisk sa' San Vinċenz de Paul,mill-Kottolengo sa' Madre Teresa, tgħallimna li laqgħa ma' wieħed fqir tista' timbidel f'sejħa li timmarka ħajja, għaliex b'mod misterjuż tressaq lejn Ġesu' u tikkonvinċi biex wieħed jgħix għaliH: il-faqar ta' l-aħwa huwa sejħa li permezz tagħha Ġesu' isejjaħ.

Mhux possibbli tħobb lill-Mulej u fl-istess ħin nibqgħu ċassi quddiem ħutna l-iżjed fqar li għalihom Ġesu' ġie fid-dinja sabiex ixandrilhom l-Aħbar it-Tajba. Ħafna żgħażagħ ta' llum għadhom jistgħu jimxu mit-triq li minnha għaddew qabilhom il-qaddisin.

Huma jkunu kapaċi wkoll jibdlu mumenti ta' ġenerożita', provviżorji u magħluqa, f'ogħtja totali li ttul ħajjithom kollha fuq l-art.

## STORJA OHRA TA' SUCCESS GHALL-BANDA 'LA STELLA'

*minn paġna 4*

Aktar kmieni fl-istess jum L-Ambaxxatur u s-Sinjura Lapira, flimkien ma' delegazzjoni tas-Soċjeta' "LA STELLA", kienu l-mistiedna ta' l-awtoritajiet tal-belt għal pranzu li ngħata f'ġieħhom.
Kemm il-programm mużikali kif ukoll l-isfilata Storika ngħataw pubbliċita' kbira fl-istampa u l-meżżi kollha tax-xandir. Tliet ġurnali Ġermaniżi u l-faċċati tad-djar. Eupen hija magħrufa għat-tiżjin tal-pjanti u l-fjuri, partikolarment f'dan iż-żmien tas-sena meta jkunu qed isiru esibizzjonijiet kontinwi tal-fjuri minn ġimgħa għall-oħra matul is-sajf kollu. Fir-Rathaus ta' Eupen, il-Banda "LA STELLA", ngħatat riċeviment mill-Lord Mayor tal-post, Kurt Ortmann, u li għalih kien preżenti wkoll l-Ambaxxatur Malti għal-Belġju, l-E.T. Charles Vella. Aktar tard l-Ambaxxatur Malti u l-Banda kienu l-mistiedna tal-Lord Mayor għal



*Dehra tal-Banda La Stella waqt il-Programm Mużikali li sar fil-belt ta' Eupen fil-Belġju nhar il-Ġimgħa 28 ta' Awissu.*

kellhom kummenti mill-iktar favorevoli għall-Banda, filwaqt li kemm il-Programm kif ukoll l-Isfilata ġew ukoll imfaħħra mhux ftit waqt trasmissjoni diretta fuq it-TV għall-Provinċja tar-Rhineland.
Għadd sabiħ ta' gruppi barranin komplew inisslu allegrija u ferħ, l-aktar fost iż-żgħażagħ tal-lokal, billi ta' kuljum , tard fil-għaxija kienu jorganiżżaw kunċerti mużikali taħt tinda li twaqqfet għal tal-apposta, fejn ix-xorb tal-birra kien għaddej b'ritmu iktar mgħaġġel mill-istess nixxiegħat ta' ilma li jserrpu minn ġol-muntanji fl-inħawi ta' madwar il-belt. Matul l-aħħar jum, dak tat-Tnejn 31 ta' Awissu, logħob sabiħ tan-nar ġab fi tmiem spettakoluz dawn il-festi kommemorattivi.
Tul il-mawra tagħa fil-Ġermanja l-Banda "LA STELLA" ġiet mistiedna wkoll iżżur il-Belġju fejn għamlet waqfa ta' ġurnata fil-belt ta' Eupen. Il-Banda sabet din il-belt tfewwaħ b'eluf kbar ta' fjuri mat-toroq, pjazzez pranzu kbir f'wieħed mir-ristoranti tipiċi tal-Belt.
Iż-żjara fil-Belġju għalqet billi tard fil-għaxija l-Banda "LA STELLA" esegwiet programm mużikali fi Pjazza America, programm li ġie trasmess mill-Belgian Boradcasting Network.
Lura fil-Ġermanja, tabilħaqq interessanti kienu t-tliet escursions li ġew organiżżatigħall-Mużew u r-Racing Track Nurbungring u l-ibliret ta' Bonn u Cologne.
Il-mawra tal-Banda "LA STELLA" fil-Ġermanja u l-Belġju kienet ċertament ħolqa oħra fil-katina twila ta' suċċessi li din il-Banda ewlenija t'Għawdex kisbet barra minn Malta sa mill-ewwel ħarġa tagħha fl-1947. Bla dubju din il-mawra kienet ta' l-akbar ġieħ u unur kemm għas-Soċjeta' nnifisha, kif ukoll għall-pajjiżna, li lilu kienet denjament qed tirrapreżenta. Kienet fuq kollox okkażżjoni storika, għaliex safejn hu magħruf ebda banda oħra Maltija ma qatt kienet mistiedna twettaq programmi mużikali fil-Ġermanja u l-Belġju.

## ROKNA GHAT-TFAL

Għeżież tfal,

Kif intom? Aktarx li xi ftit bil-geddum, hux tassew? Da' żgur. Reġgħet fetħet dik l-imbierka skola wara daqshekk ġranet ta' vaganzi! Min jaf kemm ċafċaftu, eh! U forsi xi mawra għal Malta għamiltu wkoll! Tajjeb ħafna. Imma issa mmiddu għonqna għax-xogħol - għall-istudju u l-homework, u xi daqsxejn privat ukoll.

Tfal, qegħdin fix-xahar t'Ottubru, ix-xahar tar-Rużarju. Nagħmlilkom appell biex din it-talba hekk sabiħa ma tħalluha qatt. Intom tafu l-Madonna kemm insistiet fid-dehriet tagħha biex jingħad dejjem ir-Rużarju. U intom min jaf kemm -il darba tħalluh barra għalxejn! Minn jaf kemm issejħilkom ommkom biex tgħidu r-Rużarju u intom tirrifjutaw u ġġibu mitt skuża. Dan m'għandux ikun. Qatt u għall-ebda raġuni m'għandkom tħallu barra din it-talba, u l-iktar f'dan ix-xahar!

Tfal, taf x'ridt ngħidilkom ukoll? Issa bdiet id-duttrina, araw li tmorru u ma tfallu qatt. Kultant tiġikom it-tentazzjoni li ma tmorru
xejn. Ix-xitan iħajjarkom biex ma tmorrux, imma intom ma għandkom tgħidu qatt iva għat-tentazzjoni tiegħu. U ħag'oħra: qis li waqt il-lezzjoni tad-duttrina ġġibu ruħkom sewwa, Araw li ma toqgħodux tittantaw lil sħabkom jew tpaċpċu u tiddieħku magħhom. Żommu dejjem quddiem għajnejkom li dak li titgħallmu, titgħallmuh għalikom u għal ħadd iżjed. It-tagħlim reliġjuż huwa importanti u din jeħtiġilkom tifhmuha. Tajjeb li tkunu bravi fl-iskola u up-to-date fis-suġġetti kollha. Imma hija ħaġa assolutament importanti u meħtieġa li tkunu bravi wkoll f'dawk il-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mar-ruħ. Nittama li fir-Religjon l-iskola tmorru tajjeb ukoll. Għalkemm dak li titgħallmu l-iskola dwar ir-Reliġjon jista' ma jkunx biżżejjed għal ħajjitkom. Mela qisu li tkunu dejjem lesti biex titgħallmu wkoll dak kollu li hu bżonnjuż għal ruħkom.

Tfal, għal-lum ser nieqaf hawn. Nawguralkom sena skolastika mill-aqwa. U lil dawk li waslu biex jagħtu l-eżamijiet għall-Junior Lyceum, ngħidilhom biex jirsistu ftit iktar biex meta joħroġ ir-riżultat ma jħossux ruħhom diżappuntati.

***Ciao.***

***Iz-Ziju Peppi***

## GARAGES FIL-BELT VICTORIA

BAQA' XI GARAGES GHAL BEJGH IDEALI GHAL KULL DAQS TA' KAROZZA, FI TRIQ PRIVATA FIC-CENTRU TAL-BELT, FEJN HADD MA' JISTA' JIDHOL JIPPARKJA. PREZZ KOMPETITTIV. ***CEMPLU: 551004***

## IL-GRUPP FOLKLORISTIKU ASTRA JIRRAPREZENTA LIL MALTA F'FESTIVAL INTERNAZZJONALI

Bejn it-18 u s-26 ta' Lulju li għadda l-Grupp Folkloristiku ASTRA irrappreżenta lil Malta fil-Festival Internazzjonali ta' Mużika u Folk li nżamm fil-Belt ta' Kaustinen fil-Fillandja.

Għal dan il-Grupp popolari Għawdxi, iż-żjara fil-Fillandja kienet ħolqa oħra fil-katina twila ta' suċċessi li qed jikseb f'għadd ta' pajjiżi barranin. Wara diversi wirjiet kbar li tella' f'uħud mill-aqwa bliet fl-Ewropa, din id-darba kien imiss lil Kaustinen li tospita dan il-grupp rinomat f'isem il-gżejjer Maltin.

L-edizzjoni ta' din is-sena kienet waħda speċjali peress li kienet qed tfakkar il-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-festival. Sittax-il pajjiż, inkluża Malta, ġew mistiedna jieħdu sehem. Din kienet l-ewwel darba li group lokali ipparteċipa f'dan il-Festival Internazzjionali.

Sa mill-ewwel dehra tiegħu quddiem il-pubbliku Fillandiz, deher ċar li l-Group Astra kien ser jaqta' impressjoni mill-aqwa. Ċapċip kontinwu u għajjat ta' ferħ laqgħu lil Group f'kull wirja li tella', Minn ġurnata għall-oħra ma kontx tisma' ħlief kliem ta' tifħir u inkoraġġiment għall-mod stupend kif il-Group Astra bena r-rappreżentazzjonijiet tiegħu, imżewqa b'kant u żfin tradizzjonali Malti. Għall-okażżjoni l-Group interpreta waħda mill-għanjiet folkloristiċi tiegħu bl-ilsien Fillandiz - ġest li ġie apprezzat mhux ftit mill-pubbliku preżenti.

Ir-Russja, Turkija, Fillandja u Malta kienu l-erba' nazzjonijiet l-aktar li spikkaw f'dan il-Festival. Minkejja t-teknika ta' żfin ta' uħud minn dawn il-pajjiżi barranin, partikolarment dak Russu, kien il-Group Għawdxi li seraq il-qlub ta' l-eluf kbar ta' spettaturi għall-wirjiet spettakolużi u brijużi li għaraf joħloq.L-għajjat ta' "Malta, Malta", ma waqaf qatt matul il-wirjiet tal-Group Astra.

Waħda mir-rappreż-entazzjonijiet tal-Group Astra saret fil-preżenza distint tal-Prim Ministru Fillandiz Esko Aho. F'kull post li deher il-Group ingħata Trophies, medalji u tifkiriet oħra ta' l-okkażżjoni.Il-Group kien immexxi mid-Direttur Artistiku tiegħu Manwel Grima. Il fuq minn 100,000 ruħ segwew dan il-Festival Internazzjonali.



*Il-Group Astra f'waħda mill-wirjiet tiegħu fil-Fillandja.*

## IT-TAGĦLIM TAD-DUTTRINA

**Ix-xahar ta' Ottubru jġib miegħu l-bidu tat-tagħlim tad-Duttrina fiċ-ċentri li għandna fil-Belt Victoria. Ħafna huma dawk il-ġenituri li jieħdu ħsieb li jibgħatu lill-uliedhom għal-lezzjonijiet fil-ħin u regolarment. Dan jista' jingħad speċjalment għall-ewwel ftit xhur, ngħidu aħna, sa ftit wara l-Milied. Imbagħad l-attendenza terġa tibda tonqos. Min għax ġejjin l-eżamijiet. Min għax ikun il-bard. Min bi skuża u min b'oħra. Ta' min isemmi ukoll l-istudenti li jkunu għamlu l-Griżma li minn Form II 'l quddiem ma tarahom imkien iżjed. Ma jattendu l-ebda laqgħa ta' tagħlim u ma jissieħbu fl-ebda għaqda. Il-ġenituri għandhom responsabilta' li jaraw li uliedhom kollha jkunu qed jirċievu tagħlim sod tal-Fidi Nisranija. L-opportunitajiet u t-tagħlim hemm qiegħed. Irridu nkunu aħna issa li napprofittaw rwieħna min dak kollu li toffrilna l-Parroċċa u l-Għaqdiet Reliġjuzi, altrimenti nkunu qed nlestu u nwittu t-triq biex ikomplu jidħlu ħelu ħelu fostna għaqdiet oħra u reliġjonijiet oħra.**

### *IĊ-ĊENTRI TAD-DUTTRINA U ĦINIJIET*

**MUSEUM (Subien) Triq 8 ta' Diċembru**
Year 3 sa Year 6:It-Tnejn,It-Tlieta,Il-Ħamis,u l-Ġimgħa mis-6.00pm sas-6.30pm
Minn Form I 'l fuq : Kuljum bejn is-7.00pm u s-7.30pm

**MUSEUM (Bniet) Triq Palma**
L-Ewwel Shift: Mill-4.15pm sal-4.50pm
Kinder, mill-Year 1 sa Year 4
Forms II,III, u IV
It-Tieni Shift: Mill-5.30pm sas-6.05pm
Year5 u Year 6 u Form I

**SORIJIET SALESJANI: Triq Repubblika**
Year 1 sa Year 6: Mill-4.15pm sal-4.45pm
L-Oratorju jiftaħ għal-logħob fil-3.45pm

**SORIJIET FRANĠISKANI : Triq Palma**
Year 1 sa Year 6 : Mit-Tnejn sal-Ħamis
Mill-4.15pm sal-4.40pm

**MANRESA HOUSE: Triq Santa Domenica**
It-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa fit-3.30pm

**ĊENTRU PASTORALI (Taċ-Ċawla)**
L-Erbgħa,Il-Ħamis u l-Ġimgħa fit-3.30pm

**"PAWLU 2000" FIT-TEATRU ASTRA**

Il-Kumpanija Teatru Rjal għandha pjaċir tippreżenta **"PAWLU 2000"** l-akbar Spettaklu tas-sena fit-Teatru Astra nhar **is-Sibt, 31 ta' Ottubru fis-7.00p.m.**

*Booking mis-Sibt 23 ta' Ottubru bejn is-6 u t-8.00 p.m.*

**NIFIRĦU:** lil s-Sinjura **ROSABELLE PAVIA,** Sopran Għawdxija, li fis-sajf ħadet sehem f'Kontest Internazzjonali ta' Kant Liriku li sar ġo Wales. Hija ġiet sponsorjata mill-Bank of Valletta. Hija kienet l-ewwel kantanta minn pajjiżna li resqet għal dan l-Kontest ta' prestiġju kbir. Bir-riżultat li kisbet foq il-kantanti barranin li ħadu sehem Rasabelle għamlet unur lilha nnifisha u lill-pajjiżna.

# SAN ĠORĠ 1992 – tifkiriet

***Għalkemm għaddew iżjed min xahrejn mill-festa tagħna u ta' l-Għawdxin xieraq li nfakkru dawk il-ġrajjiet fil-festa ta' din is-sena li komplew ikabbru din il-festa popolari. Bħas-snin l-imgħoddija l-funzjonijiet fil-Bażilika tagħna saru bl-ikbar sollennita' u nistgħu niftaħru li kif jitmexxew il-funzjonijiet fil-Bażilika tagħna juri liema mħabba u dedikazzjoni għad għandna għal dak kollu li hu verament il-qofol ta' kull festa.***

## SAN ĠUŻEPP U L-KUNĊIZZJONI



*L-Istatwa ta' San Ġużepp fin-niċċa.*

Din is-sena l-festa ta' San Ġorġ ħallitilna żewġ tifkiriet dejjiema. Nibdew l-ewwel biż-żewġ statwi li tqiegħdu fil-faċċata. Wara ħafna snin iż-żewġ niċeċ li kellna fil-faċċata tal-Bażilika mtlew b'żewġ statwi artistiċi xogħol l-istatwarju Għawdxi l-Kav.Alfred Camilleri Cauchi. Dawn iż-żewġ statwi tbierku mill-Eċċ.Tiegħu mons Isqof Nikol Cauchi lejliet il-festa. Minn dawn il-kolonni nixtiequ nroddu ħajr lill-benefatturi tagħhom. L-istatwa ta' San Ġużepp tħallset mill-E.T. Dr. Alexander Cachia Zammit,Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede u l-istatwa tal-Kunċizzjoni tħallset minn benefattur tal-Bażilika li ma jridx juri ismu. F'isem il-Komunita' Parrokkjali nroddulhom ħajr ta' l-opra verament artistika li kompliet żejjneti l-faċċata tal-Bażilika tagħna.



*L-Istatwa tal-Kunċizzjoni fin-niċċa.*

## SETT TA' PJANETI ĠODDA

Kif ħabbarna fl-aħħar ħarġa tar-rivista tagħna din is-sena żżanżnu wkoll sett ta' 32 pjaneti gotiċi ġodda li saru bil-ħidma kontinwa tal-Ladies Society tal-Parroċċa tagħna. Dawn il-Pjaneti, b'disinni fuq l-istolun tagħhom irrakkmat fid-deheb, ġew imbierka mill-Ecc.Tiegħu Mons Isqof Cauchi fil-preżenza tal-Kumitat tal-Ladies Society lejliet il-festa s-Sibt 18 ta' Lulju. Kien verament mument ta' ferħ tara li l-pjaneti jitlibsu kollha għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' nhar il-festa fil-għodu.Mill-ġdid inroddu ħajr lil dawk kollha li ħabirku biex din l-opra setgħet issir realta'u l-pjaneti jiżżanżnu fil-festa ta' din is-sena.



*Mons Isqof ibierek il-pjaneti ġodda fuq il-Presbiterju tal-Bażilika.*

## IL-MARTRI TA' LYDDA

Inizjattiva tabilħaqq ta' min ifaħħarha f'waħda mill-ġranet ta' qabel il-festa kienet rappreżentazzjopni drammatika li l-Għaqda Żgħażagħ La Stella ppreżentat fil-beraħ bħala ftuħ tal-festa għal din is-sena. Pubbliku ferm numeruż nhar l-Erbgħa 8 ta' Lulju ħanaq Pjazza San Ġorġ biex jassiosti għad-dramm mużikali "IL-MARTRI TA' LYDDDA", kitba tal-Kan. Joe Meylak u mużika ta' Mro. Alfred Arnold.




Id-Dramm, li jittratta l-ħajja ta' San Ġorġ, intlaqa' tajjeb ħafna mill-pubbliku preżenti li ra f'uħud mill-membri żgħażagħ tal-Għaqda atturi tassew promettenti, imħarrġin b'sengħa liema bħala għal din il-produzzjoni. Mro. John Galea kellu f'idejh id-direzzjoni mużikali tad-dramm filwaqt li d-direzzjoni artistika kienet f'idejn is-Sur Ġorġ Farrugia.

Id-Dramm Mużikali "IL-MARTRI TA' LYDDA" kien ġie mtella' għall-ewwel darba fl-1977 mill-Għaqda tal-Palk ASTRA. Sehem kbir f'din il-produzzjoni kellu l-Producer veteran Għawdxi, George Xerri, li adatta l-iscript oriġinali għal waħda mill-isbaħ minifestazzjonijiet spettakolari tal-palk li qatt saru fi Ġżiritna.

A+M PRINTING LTD. - QALA